**3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sığhat għat-tahrię kull sena, li għandhom jięu stabbiliti mil-lięi jew permezz ta' ftehim kollettiv. Kull rifjut ta' dik l-offerta min-naħa tal-impjegati għandu biss jięi permess għal raęunijiet ġustifikati.**

*imħassar*

Or. es

**Emenda 210**

**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandhom jiġu stabbiliti* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv. ***Kull rifjut ta' dik l-offerta min-naħa tal-impjegati għandu biss jiġi permess għal raġunijiet ġustifikati.***

*Emenda*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandu jiġi stabbilit* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv.

Or. de

**Emenda 211**  
**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandhom jiġu stabbiliti* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv. ***Kull rifjut ta' dik l-offerta min-naħa tal-impjegati għandu biss jiġi permess għal raġunijiet ġustifikati.***

*Emenda*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandu jiġi stabbilit* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv ***sabiex ikun aktar faċli għall-impjegati li jagħmlu tranżizzjonijiet professjonali konsistenti u attraenti.***

Or. fr

**Emenda 212**  
**Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandhom jiġu stabbiliti* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv. Kull rifjut ta' dik l-offerta min-naħa tal-impjegati għandu

*Emenda*

3. Kull impjegat għandu jingħata għadd determinat ta' sigħat għat-taħriġ kull sena, li *għandu jiġi stabbilit* mil-liġi jew permezz ta' ftehim kollettiv. Kull rifjut ta' dik l-offerta min-naħa tal-impjegati għandu

biss jiġi permess għal raġunijiet ġustifikati.

biss jiġi permess għal raġunijiet ġustifikati.  
*Madankollu, il-ħtiġijiet tat-taħriġ prinċipalment għandhom jiġu identifikati permezz ta' valutazzjoni tal-ħiliet ta' 5 snin, sabiex jiġi kkontrollat li l-impjegabilità tagħhom tinżamm.*

Or. en

#### **Emenda 213**

**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 3a, (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*3a. Il-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-impjegati individwali għandhom jiġu riveduti fuq bażi regolari u għandhom jiġu identifikati soluzzjonijiet xierqa ta' taħriġ, fejn ikun meħtieġ.*

Or. en

#### **Emenda 214**

**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni u ippjanar li jħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjieg u l-ħiliet.*

*imħassar*

Or. es

**Emenda 215**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni u ippjanar li jħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjeg u l-ħiliet.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 216**

**Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni u **ippjanar li jħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjeg u l-ħiliet.**

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni **ta' ħiliet jew valutazzjoni** u **ppjanar li jħarsu 'l quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjeg u l-ħiliet.**

Or. en

**Emenda 217**

**Evelyn Regner**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni u *ippjanar* li jħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjieg u l-ħiliet.

*Emenda*

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 hawn fuq ma japplikawx għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri għall-antiċipazzjoni u *l-ippjanar* li jħares 'il quddiem tal-ħtiġijiet tal-impjieg u l-ħiliet. ***Ftehim sabiex jiġi stabbilit Kunsill tax-Xogħolijiet Ewropew (38/2009/KE rsp. KE 98/1994) effettivament ma japplikax ftehim għal dan l-għan.***

Or. en

**Emenda 218**  
**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

4a. ***Kull darba li jkun possibbli u xieraq, il-kumpaniji:***

***a) jiżviluppaw il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2 b'kooperazzjoni mill-qrib mal-protagonisti esterni, inklużi l-awtoritajiet reġjonali, l-universitajiet u fornituri oħra ta' edukazzjoni u taħriġ, istituti teknoloġiċi, ċentri ta' innovazzjoni u aġenziji tal-iżvilupp;***

***b) jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-osservatorji esterni tal-impjieg u l-ħiliet, is-sħubijiet, in-netwerks u inizzjattivi rilevanti oħra meħuda fir-reġjun u/jew fis-settur ikkonċernat.***

*Emenda*

4a. ***Kull darba li jkun possibbli u xieraq, il-kumpaniji:***

***a) jiżviluppaw il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2 b'kooperazzjoni mill-qrib mal-protagonisti esterni, inklużi l-awtoritajiet reġjonali, l-universitajiet u fornituri oħra ta' edukazzjoni u taħriġ, istituti teknoloġiċi, ċentri ta' innovazzjoni u aġenziji tal-iżvilupp;***

***b) jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-osservatorji esterni tal-impjieg u l-ħiliet, is-sħubijiet, in-netwerks u inizzjattivi rilevanti oħra meħuda fir-reġjun u/jew fis-settur ikkonċernat.***

Or. en

**Emenda 219**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***4a. Il-kumpaniji għandhom jiddiskutu pjanijiet ta' impjeg u taħriġ mar-rappreżentanti eżistenti tal-impjegati, kif previst mil-liġi jew il-prattika nazzjonali.***

Or. en

**Emenda 220**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 4a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***4a. L-implimentazzjoni konkreta tinżamm fi ftehim bejn il-partijiet ikkonċernati.***

Or. de

**Emenda 221**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 5**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu informati dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa***

***imħassar***

*jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.*

Or. en

**Emenda 222**

**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 5**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar **il-mekkaniżmi** u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom **għandhom ikunu** koperti minn dawk **il-mekkaniżmi** u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk **il-mekkaniżmi** u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.

*Emenda*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar **il-valutazzjonijiet** u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom **jistgħu jkunu** koperti minn dawk **il-valutazzjonijiet** u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk **il-valutazzjonijiet** u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.

Or. es

**Emenda 223**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 5**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.

*Emenda*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess. ***Dan m'għandux jipprekludi lill-kumpaniji dipendenti milli***



**Emenda 224**  
**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 5**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.

*Emenda*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *infurmati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess. ***Dan m'għandux jipprekludi l-kumpaniji dipendenti milli jiżviluppaw il-mekkaniżmi tagħhom stess.***

**Emenda 225**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 5**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *informati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess.

*Emenda*

5. Il-kumpaniji dipendenti għandhom ikunu *infurmati* dwar il-mekkaniżmi u l-pjanijiet previsti fil-paragrafu 2. L-impjegati tagħhom għandhom ikunu koperti minn dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet fuq talba ta' dawk il-kumpaniji dipendenti, għar-raġuni li dawk il-mekkaniżmi u pjanijiet huma meħtieġa jew utli għall-adattament u l-iżvilupp tagħhom stess. ***Dan ma jeskludix lill-kumpanji dipendenti milli jiżviluppaw***

*il-mekkaniżmi tagħhom stess.*

Or. de

**Emenda 226**  
**Marije Cornelissen**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 5, paragrafu 2, punt 5a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***5a. Il-kumpaniji għandhom jirriservaw  
mezzi finanzjarji adegwati sabiex ikunu  
kapaċi jikkofinanzjaw l-attivitajiet  
imsemmija fil-punti 1 sa 5.***

Or. en

**Emenda 227**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, titolu**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***Thejġija bikrija***

***Informazzjoni u konsultazzjoni fil-ħin***

Or. en

**Emenda 228**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-  
ristrutturazzjoni tinbeda minħabba  
raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru***

***imħassar***

*ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.*

Or. en

**Emenda 229**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-  
ristrutturazzjoni tinbeda minħabba  
raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru  
ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta'  
ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta  
minn tħejjija adegwata mal-partijiet  
interessati kkonċernati bl-għan li jiġi  
evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku,  
soċjali u lokali tagħha.*

*imħassar*

Or. de

**Emenda 230**  
**Marije Cornelissen**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-  
ristrutturazzjoni tinbeda minħabba  
raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru  
ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta'  
ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta*

*1. Kwalunkwe operazzjoni ta'  
ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta  
minn tħejjija adegwata mal-partijiet  
interessati kkonċernati, **inklużi l-kunsilli  
tal-ħaddiema**, bl-għan li jiġi evitat jew*

minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha, ***minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tirriżulta minħabba avveniment mhux mistenni jew li jiġri ħesrem li l-impjegatur ma jistax jiġi mistenni b'mod raġonevoli jipprevedi, pereżempju diżastru naturali.***

Or. en

**Emenda 231**  
**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. ***Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem,*** kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

*Emenda*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

Or. en

**Emenda 232**  
**Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha ***tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata*** mal-partijiet

*Emenda*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha ***titwettaq*** mal-partijiet interessati kkonċernati, ***skont il-***

interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

**kompetenzi rispettivi tagħhom**, bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

Or. en

**Emenda 233**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

*Emenda*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni, **primarjament dik li jista' jkollha effett negattiv sinifikanti**, għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata mal-partijiet interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

Or. es

**Emenda 234**  
**Jutta Steinruck**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata **mal-partijiet** interessati kkonċernati bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u

*Emenda*

1. Minbarra f'ċirkustanzi fejn ir-ristrutturazzjoni tinbeda minħabba raġunijiet mhux mistennija jew li jiġru ħesrem, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tiġi ppreċeduta minn tħejjija adegwata **mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet** interessati kkonċernati **oħra** bl-għan li jiġi evitat jew imtaffi l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali

lokali tagħha.

tagħha.

Or. en

**Emenda 235**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*1a. Ġeneralment ir-ristrutturazzjoni tiġi stimulata minn ċirkustanzi eċċezzjonali li jirriżultaw minn bidliet fis-swieq jew żviluppi fit-teknoloġija. Huwa fl-interess ta' dawk kollha kkonċernati li meta jseħħu ċirkustanzi eċċezzjonali bħal dawn il-maniġment u l-impjegati jinvolve ruħhom f' diskussjonijiet f' waqthom b'konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni Ewropea.*

Or. en

**Emenda 236**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1b (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*1b. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni proposta għandha tiġi spjegata bis-sħiħ lir-rappreżentanti tal-impjegati li għandhom jingħataw informazzjoni bħal din dwar ir-ristrutturazzjoni proposta sabiex ikunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni profonda u jħejju għal konsultazzjonijiet, fejn ikun xieraq.*

**Emenda 237**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1b (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***1b. Wara li jkunu kkunsidraw l-informazzjoni pprovduta r-rappreżentanti tal-impjegati jistgħu, f'ħin raġonevoli, joffru opinjoni dwar il-miżuri maħsuba li jistgħu jiġu kkunsidrati mill-kumpanija meta tkun qiegħda tiffinalizza d-deċiżjonijiet tagħha.***

Or. en

**Emenda 238**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1c (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***1c. Il-kumpaniji għandhom, mill-bidu, jinfurmaw lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali.***

Or. en

**Emenda 239**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 1c (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***1c. L-atturi ekonomiċi lokali, b'mod partikolari l-kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza b'relazzjoni mal-kumpanija ta' ristrutturazzjoni għandhom jiġu infurmati wkoll mill-bidu dwar ir-ristrutturazzjoni proposta.***

Or. en

**Emenda 240**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.***

***imħassar***

Or. en

**Emenda 241**

**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni.***

***2. Din it-tħejjija għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni, skont il-metodi u l-proċeduri nnegożjati***



Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

***fil-livell tas-settur, tar-reġjun jew tal-kumpanija kkonċernata, jekk ikun hemm il-ħtieġa.*** Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha. ***L-antiċipazzjoni ta' ristrutturazzjoni possibbli għandha tkun integrata mal-funzjonament tal-kumpanija permezz ta' informazzjoni kontinwa dwar il-qagħda ekonomika tal-kumpanija, iżda wkoll tas-settur.***

Or. fr

**Emenda 242**  
**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Din it-tnejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni.  
***Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.***

*Emenda*

2. Din it-tnejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. Din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha

Or. en

**Emenda 243**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq **fi żmien li jippermetti** l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

*Emenda*

2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq **skont strateġija adottata minn qabel li tippermetti** l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt **negattiv mil-lat** ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

Or. es

**Emenda 244**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

*Emenda*

2. Din it-tħejjija għandha ssir kemm jista' jkun kmieni u għandha tinbeda malli jibda jitqies il-bżonn ta' ristrutturazzjoni. Minbarra fiċ-ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu, din għandha titwettaq fi żmien li jippermetti **l-konsultazzjoni sinifikanti tal-partijiet interessati kkonċernati kollha u l-**adozzjoni ta' miżuri sabiex jiġi evitat jew jitnaqqas għal minimu l-impatt ekonomiku, soċjali u lokali tagħha.

Or. en

**Emenda 245**

**Frédéric Daerden, Pervenche Berès,**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**

**Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***2a. It-trasparenza u l-informazzjoni f'waqtha lill-impjegati dwar is-sitwazzjoni tal-kumpaniji huma kruċjali sabiex dawn jiġu involuti fir-ristrutturazzjoni u l-proċess ta' antiċipazzjoni tal-bidla. L-impjegati għandhom jiġu involuti fid-diskussjonijiet fi stadju bikri biex jieħdu sehem fil-proċess ta' ristrutturazzjoni tal-kumpanija, jew l-ippjanar ta' rimbors possibbli f'każ li l-kumpanija tieqaf topera.***

Or. fr

**Emenda 246**

**Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 6, paragrafu 2a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***2a. Jeħtieġ li l-impatt ta' kull tkeċċija, konsegwenza ta' kwalunkwe ristrutturazzjoni, tiġi ttrattata primarjament b'impenn ċar u trasparenti mill-kumpaniji.***

Or. fr

**Emenda 247**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, Titolu**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***Informazzjoni u konsultazzjoni dwar***

***imħassar***

*deċiżjonijiet b'rabta man-negozju*

Or. en

**Emenda 248**

**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, Titolu**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

Informazzjoni u konsultazzjoni dwar  
*deċiżjonijiet* b'rabta man-negozju

*Emenda*

Informazzjoni u konsultazzjoni dwar  
*ristrutturazzjonijiet* b'rabta man-negozju *li*  
*jista' jkollhom effett negattiv sinifikanti*

Or. es

**Emenda 249**

**Thomas Mann**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.*

*Emenda*

*imħassar*

Or. de

**Emenda 250**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.**

**imħassar**

Or. en

**Emenda 251  
Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha **tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet** interessati **kollha** rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha **tiġi infurmata bil-miktub u ġġustifikata lill-partijiet** interessati rilevanti, **iżda b'mod partikolari lir-rappreżentati tal-impjegati, qabel tittieħed xi miżura u qabel jiġu implimentati l-miżuri konkreti. Dan japplika irrispettivament mill-fatt jekk ir-ristrutturazzjoni għandhiex issir** fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

Or. de

**Emenda 252  
Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

*Emenda*

1. ***Lil hinn mill-obbligi fir-regoli tal-UE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema***, kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

Or. en

**Emenda 253**

**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun ***soġġetta għal spjegazzjoni*** bikrija ***u ġustifikazzjoni*** mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

*Emenda*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni, ***b'mod speċjali dik li jista' jkollha effett negattiv sinifikanti f'termini ta' telf ta' impjegi***, għandha tkun ***akkumpanjata mill-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' informazzjoni*** bikrija mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

Or. es

**Emenda 254**

**Jutta Steinruck**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni **mal-partijiet** interessati **kollha** rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

*Emenda*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni **mal-imsieħba soċjali u ma' partijiet** interessati **oħra** rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

Or. en

**Emenda 255**  
**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

*Emenda*

1. Kwalunkwe operazzjoni ta' ristrutturazzjoni għandha tkun soġġetta għal spjegazzjoni bikrija u ġustifikazzjoni mal-partijiet interessati kollha rilevanti fuq il-bażi jew ta' għanijiet u rekwiżiti strateġiċi fuq medda twila ta' żmien jew inkella ta' restrizzjonijiet fuq żmien qasir.

***Dan l-obbligu għandu japplika irrispettivament mill-fatt li d-deċiżjoni dwar ir-ristrutturazzjoni tkun qiegħda tittieħed mill-kumpanija jew mill-grupp li jkun qed jikkontrolla l-kumpanija.***

Or. en

**Emenda 256**  
**Thomas Mann**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-*ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi u tal-għażliet possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.***

*imħassar*

Or. de

**Emenda 257**

**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-*ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi u tal-għażliet possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.***

*imħassar*

Or. en

**Emenda 258**

**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-*ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi u tal-għażliet possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.***

**2. Il-*ġustifikazzjoni prevista* fl-ewwel paragrafu *għandha tinkludi r-raġuni għall-għażla* tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi u l-*għażliet* possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.**

Or. en



**Emenda 259**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi **u** tal-għażliet possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.

*Emenda*

2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi, **wara li tkun saret evalwazzjoni** tal-għażliet possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.

Or. es

**Emenda 260**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba biex jinkisbu l-objettivi u *tal-għażliet* possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati.

*Emenda*

2. Id-djalogu previst fl-ewwel paragrafu għandu jinkludi l-ġustifikazzjoni tal-għażla tal-miżuri maħsuba, ***l-indikazzjoni tal-miżuri individwali, l-effetti tal-miżuri ppjanati fuq l-impjegati, il-kundizzjonijiet legali u fattwali tal-kumpaniji, il-prodotti, il-proċeduri fl-ambitu ta' żmien u kontenut. Barra minn hekk, huma inklużi wkoll miżuri bħall-esternalizzazzjoni, diviżjoni tal-kumpaniji, stabbilimenti mill-ġdid fil-pajjiż u barra l-pajjiż***, biex jinkisbu l-objettivi u *l-għażliet* possibbli l-oħra fid-dawl tal-interessi kollha kkonċernati

Or. de

**Emenda 261**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 2a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**2a. L-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-impjegati għandhom isiru fi stadju bikri, tant li t-tmexxija tal-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji jkunu saħansitra jistgħu jadottaw il-proposti tar-rappreżentanti tal-impjegati u jkunu jistgħu jbiddu l-pjanijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom. Ir-rappreżentanti tal-impjegati ma jistgħux jiġu ffaċċjati b'fait accompli.**

Or. de

**Emenda 262**  
**Thomas Mann**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**3. Il-kumpaniji għandhom jinformaw sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u jinvoluhom fit-tħejija tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.**

*imħassar*

Or. de

**Emenda 263**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch,**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**3. Il-kumpaniji għandhom jinformaw sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u jinvoluhom fit-tħejjija tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.**

*imħassar*

Or. en

**Emenda 264**

**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

3. Il-kumpaniji għandhom **jinformaw sa mill-bidu** lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, **u** jinvoluhom fit-tħejjija tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

3. Il-kumpaniji għandhom **jistabilixxu mekkaniżmi ta' informazzjoni bikrija** lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, **billi** jinvoluhom **kemm jista' jkun** fit-tħejjija tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

Or. es

**Emenda 265**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

3. Il-kumpaniji għandhom jinformaw sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u jinvoluhom **fit-tħejjija** tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

3. Il-kumpaniji għandhom jinfurmaw sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti **fiż-żmien xieraq**, b'mod partikolari fil-livell lokali, u jinvoluhom **fl-implimentazzjoni** tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

**Emenda 266**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Il-kumpaniji għandhom *jinformaw* sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u *jinvoluhom* fit-tnejn tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

*Emenda*

3. Il-kumpaniji għandhom *jinformaw* sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi **u t-trejdjunjins** fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u *jinvoluhom* fit-tnejn tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

**Emenda 267**

**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Il-kumpaniji għandhom *jinformaw* sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, u *jinvoluhom* fit-tnejn tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

*Emenda*

3. Il-kumpaniji għandhom *jinformaw* sa mill-bidu lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell rilevanti, b'mod partikolari fil-livell lokali, **qabel jittieħdu passi konkreti biex tiġi implimentata r-ristrutturazzjoni**, u *jinvoluhom* fit-tnejn tal-proċess ta' ristrutturazzjoni.

**Emenda 268**

**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**

**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 3a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-benefiċċju tar-rappreżentanti tal-impjegati:**

**a) dritt għat-twissija, li jippermettilhom li jitolbu lil min iħaddem biex jipprovdi spjegazzjonijiet meta jinġiebu għall-attenzjoni tagħhom fatti li x'aktarx jaffettwaw b'mod allarmanti l-qagħda ekonomika tal-kumpanija. It-talba għal kjarifika tiġi rreġistrata awtomatikament fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tax-Xogħol. Jekk min iħaddem ma jwegħibx it-talba jew jekk jikkonferma l-qagħda inkwetanti tas-sitwazzjoni, ir-rappreżentanti tal-impjegati għandhom jipproduċu rapport fuq din il-bażi, li jintbagħat lil min iħaddem, kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll tal-kontabilità.**

**b) dritt għall-kompetenza, li jippermettilhom li jużaw espert tekniku, li jitħallas minn min iħaddem, kull meta jkun hemm proġett maġġuri relatat mal-istrateġija u s-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-ħtieġa ta' espert, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-qrati nazzjonali tax-xogħol, fl-iqsar żmien possibbli. L-espert tekniku jista' jkun espert tal-kontabilità, meta jkun hemm bżonn li jiġu eżaminati l-kontijiet annwali tal-kumpanija, ir-ristrutturazzjoni jew id-dritt għat-twissija. Dan għandu, f'dawn il-każijiet, id-dritt għall-aċċess għall-istess dokumenti tal-kumpanija li għandhom aċċess għalihom l-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll tal-kontabilità.**

Or. fr

**Emenda 269**  
**Thomas Mann**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**4. Il-protagonisti ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza b'rabta mal-kumpanija li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, għandhom ukoll ikunu infurmati sa mill-bidu u involuti b'mod attiv fil-proċess.**

***imħassar***

Or. de

**Emenda 270**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**4. Il-protagonisti ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza b'rabta mal-kumpanija li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, għandhom ukoll ikunu infurmati sa mill-bidu u involuti b'mod attiv fil-proċess.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 271**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

4. *Il-protagonisti* ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza b'rabta mal-kumpanija li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, ***għandhom ukoll*** ikunu infurmati sa mill-bidu ***u involuti b'mod attiv fil-proċess.***

*Emenda*

4. *L-atturi* ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza b'rabta mal-kumpanija li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, ***jistgħu wkoll*** ikunu infurmati sa mill-bidu ***dwar il-proċess ta' ristrutturazzjoni.***

Or. es

**Emenda 272**

**Sergio Gutiérrez Prieto**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

4. *Il-protagonisti* ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza ***b'rabta mal-kumpanija*** li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, għandhom ukoll ikunu infurmati ***sa mill-bidu*** u involuti ***b'mod attiv*** fil-proċess.

*Emenda*

4. *L-atturi* ekonomiċi lokali, b'mod partikolari kumpaniji u l-impjegati tagħhom f'sitwazzjoni ta' dipendenza ***fir-rigward tal-kumpanija*** li tkun qed twettaq ir-ristrutturazzjoni, għandhom ukoll ikunu infurmati ***mill-iktar fis possibbli*** u involuti fil-proċess ***skont il-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet.***

Or. en

**Emenda 273**

**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

***4a. Ma japplikax, jekk l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tar-rappreżentanti tal-impjegati huma rregolati b'mod ugwali fuq livell nazzjonali.***

*Emenda*

**Emenda 274**  
**Frédéric Daerden, Pervenche Berès**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 7, paragrafu 4a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***4a. Il-miżuri kollha favur l-involviment tal-impjegati (eż. sehem fil-kumpanija) jikkontribwixxu għall-iżvilupp b'suċċess tal-kumpanija. Il-parteciġazzjoni tal-impjegati ttejjeb il-prestazzjoni tal-kumpanija b'mod sinifikanti. Fi żminijiet ta' kriżi fil-kumpanija, din tippromwovi sens ta' responsabbiltà u attenzjoni għall-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-kumpanija tagħhom. Dan is-sens ta' responsabbiltà u din il-kuxjenza għandhom impatt sinifikanti fuq l-involviment fil-kumpanija u l-awtonomizzazzjoni tal-impjegati, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-kumpanija.***

Or. fr

**Emenda 275**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, Titolu**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***Minimizzazzjoni tal-ispejjeż soċjali interni permezz ta' pjan soċjali***

***Kunsiderazzjoni ta' alternattivi***

Or. en



**Emenda 276**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta *jkun hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni u bħala riżultat tal-ħtieġa li jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, il-kumpaniji għandhom iqisu t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu qiesu l-għażliet alternattivi l-oħra kollha u, meta jkun possibbli, meta jkunu implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.*

*Emenda*

1. Meta *t-tmexxija tal-kumpaniji jew tal-gruppi ta' kumpaniji tkun ħadet deċiżjoni favur ir-ristrutturazzjoni, jitqiesu u jiġu ppreferuti l-għażliet alternattivi l-oħra kollha, biex jiġu evitati t-tkeċċijiet jew jiġu kkunsidrati bħala l-aħħar soluzzjoni.*

Or. de

**Emenda 277**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta jkun hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni *u bħala riżultat tal-ħtieġa li jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, il-kumpaniji għandhom iqisu t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu qiesu l-għażliet alternattivi l-oħra kollha u, meta jkun possibbli, meta jkunu implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.*

*Emenda*

1. Meta jkun hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni il-kumpaniji għandhom iqisu t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li *jeżaminaw l-alternattivi l-oħra kollha.*

Or. en

**Emenda 278**  
**Jutta Steinruck**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta jkun hemm **bżonn ta'** ristrutturazzjoni u **bħala riżultat tal-ħtieġa** li jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, **il-kumpaniji għandhom iqisu** t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu **qiesu** l-għażliet alternattivi l-oħra kollha u, **meta jkun possibbli, meta jkunu** implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.

*Emenda*

1. Meta jkun hemm ristrutturazzjoni u **filwaqt li jsir sforz sabiex** jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, **l-impjegaturi jqisu** t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu **ikkunsidraw** l-għażliet alternattivi l-oħra kollha **u/jew ikunu identifikaw** u implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.

Or. en

**Emenda 279  
Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta jkun hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni u bħala riżultat tal-ħtieġa li jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, il-kumpaniji għandhom iqisu t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu qiesu l-għażliet alternattivi l-oħra kollha u, meta jkun possibbli, meta jkunu implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.

*Emenda*

1. Meta jkun hemm bżonn ta' ristrutturazzjoni, **skont kriterji oġġettivi**, u bħala riżultat tal-ħtieġa li jiġu ppreservati l-kompetittività u l-prosperità fuq żmien twil, il-kumpaniji għandhom iqisu t-tkeċċijiet biss bħala l-aħħar soluzzjoni u biss wara li jkunu qiesu l-għażliet alternattivi l-oħra kollha u, meta jkun possibbli, meta jkunu implimentaw il-miżuri ta' appoġġ.

Or. fr

**Emenda 280  
Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. B'mod partikolari, il-kumpaniji għandhom iqisu l-għażliet **li ġejjin** bħala alternattivi għat-tkeċċijiet:

*Emenda*

2. B'mod partikolari, il-kumpaniji għandhom iqisu l-għażliet **rilevanti kollha** bħala alternattivi **u jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-partijiet interessati interni u esterni sabiex jippruvaw jassoċjawhom mas-soluzzjoni** għat-tkeċċijiet:

Or. en

**Emenda 281**

**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. B'mod partikolari, **il-kumpaniji** għandhom iqisu l-għażliet li ġejjin bħala alternattivi għat-tkeċċijiet:

*Emenda*

2. B'mod partikolari, **il-prattika tajba tissuġġerixxi li l-kumpaniji** għandhom iqisu l-għażliet li ġejjin bħala alternattivi għat-tkeċċijiet:

Or. en

**Emenda 282**

**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. B'mod partikolari, il-kumpaniji għandhom iqisu l-għażliet li ġejjin bħala alternattivi għat-tkeċċijiet:

*Emenda*

2. B'mod partikolari, il-kumpaniji għandhom iqisu l-għażliet li ġejjin bħala alternattivi għat-tkeċċijiet, **pereżempju:**

Or. en

**Emenda 283**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt c**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

(c) tnaqqis fil-ħin tax-xogħol jew riorganizzazzjoni;

*Emenda*

(c) tnaqqis *temporanju u/jew permanenti* fil-ħin tax-xogħol jew riorganizzazzjoni;

Or. de

**Emenda 284**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt d**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*(d) rinegozzjazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;*

*Emenda*

*imħassar*

Or. de

**Emenda 285**  
**Marije Cornelissen**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt d**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*(d) rinegozzjazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

**Emenda 286**  
**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt d**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**(d) rinegozzjazzjoni tal-kundizzjonijiet  
tax-xogħol;**

***imħassar***

Or. fr

**Emenda 287  
Elisabeth Morin-Chartier**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt e**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**(e) sekondjar intern jew estern;**

***(e) riallokazzjoni interna jew esterna fil-  
grupp ta' kumpaniji jew ukoll f'kumpaniji  
oħrajn li ma jagħmlux parti mill-grupp;***

Or. fr

**Emenda 288  
Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt f**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

**(f) internalizzazzjoni ta' attivitajiet esterni;**

***(f) internalizzazzjoni ta' attivitajiet esterni  
u miżuri ta' kumpens għall-kumpaniji  
dipendenti milquta;***

Or. fr

**Emenda 289  
Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 2, punt h**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

(h) tluq mix-xogħol naturali għall-impjegati.

*Emenda*

(h) tluq mix-xogħol naturali għall-impjegati, ***inkluż l-irtirar jew, bħala l-aħħar alternattiva, l-irtirar qabel iż-żmien.***

Or. fr

**Emenda 290  
Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom ***jippruvaw*** iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr. ***Għalhekk, l-effettività u l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tal-impjegi huma fundamentali.***

Or. es

**Emenda 291  
Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati ***miżuri*** sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati ***dik l-ghajjuna li tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi*** sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

Or. en

**Emenda 293**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, ***il-kumpaniji*** għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati *miżuri* sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, ***l-impjegaturi jirrispettaw il-leġiżlazzjoni ta' kontra d-diskriminazzjoni, b' mod partikolari fil-qasam tad-diskriminazzjoni minħabba l-età, fl-għażla tal-impjegati għat-tkeċċija u għandhom*** iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati *miżuri* sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

Or. en

**Emenda 294**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol **kemm jista' jkun** malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol malajr **u b'mod sostenibbli**.

Or. en

**Emenda 295**

**Marije Cornelissen**

f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* **tagħhom** u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità **tagħhom, billi jipprovdut drittijiet għall-impjeg lill-ħaddiema li jkun tkeċċew jekk iż-żminijiet jitjiebu** u **d-ditta sussegwentement tkun tixtieq terġa' timpjega** u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

Or. en



**Emenda 296**  
**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid tagħhom* u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità **tagħhom, billi jipprovdu drittijiet għall-għoti tal-impjeg lill-ħaddiema li jkunu tkeċċew jekk iż-żminijiet jitjiebu u d-ditta sussegwentement tkun tixtieq terġa' timpjega u** jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

Or. en

**Emenda 297**  
**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri **mmirati** sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr **mingħajr ħsara għall-obbligi tal-protezzjoni tal-impjegati u l-obbligu relatat mat-tmiem tal-impjeg li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali.**

Or. en

**Emenda 298**  
**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr.

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm jista' jkun malajr, ***mingħajr preġudizzju għall-obbligi dwar il-ħarsien tal-impjeg u t-terminazzjoni ta' kuntratti tax-xogħol, skont il-liġi nazzjonali, b'mod partikolari billi jingħataw drittijiet ta' impjegabilità mill-ġdid lill-impjegati li ġew imkeċċija preċedentement jekk is-sitwazzjoni ekonomika titjeb u b'konsegwenza ta' dan il-kumpanija ddaħħal nies mill-ġdid.***

Or. fr

**Emenda 299**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità *mill-ġdid* tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-

*Emenda*

3. Meta t-tkeċċijiet ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew ikunu parti minn pakkett li għandu jiġi implimentat fil-kuntest ta' għażliet alternattivi, il-kumpaniji għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema kkonċernati miżuri sabiex isaħħu l-impjegabilità tagħhom u jgħinuhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol kemm

xogħol kemm jista' jkun malajr.

jista' jkun malajr. *Dan ir-Regolament ma jaffettwax ir-Regolamenti nazzjonali, li japplikaw għas-sigurtà tal-ħaddiema b'mod ġenerali u speċjali fit-tkeċċijiet.*

Or. de

**Emenda 300**

**Marije Cornelissen**

f'isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*3a. Minkejja l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mil-liġi u l-prattiki tal-UE u dawk nazzjonali, il-kumpaniji għandhom ifasslu l-miżuri ta' impjegabilità li ġejjin sakemm juru li jkunu meħtieġa jew utli sabiex ikun limitat l-impatt tal-operazzjoni:*

*– it-twaqqif ta' ċentru tal-pariri sabiex jipprovdi informazzjoni lill-impjegati mhedda mis-sensja jew li jkunu nġhataw is-sensja dwar is-suq tax-xogħol, id-drittijiet tagħhom u l-kundizzjonijiet innegożjati waqt il-proċess ta' ristrutturazzjoni;*

*– il-ħolqien ta' ċelluli ta' riallokazzjoni u/jew mobilità;*

*– taħriġ u taħriġ mill-ġdid;*

*– gwida professjonali individwalizzata;*

*– għajjnuna fit-tfittxija ta' impjieg, inkluż ħin liberu b'kumpens għat-tfittxija ta' impjegi;*

*– monitoraġġ, sorveljanza u konsulenza bl-għan li jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv tal-proċess ta' ristrutturazzjoni kemm fuq l-aspett fiżiku kif ukoll fuq dak psikoloġiku kemm għall-impjegati li jkunu nġhataw is-sensja, jekk*

*ikunu jeżistu, kif ukoll dawk li jkunu se jibqgħu impjegati;*

*– appoġġ għall-ħolqien ta' negozji u kooperattivi proprji;*

*– kumpens ġust.*

Or. en

**Emenda 301**  
**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 8, paragrafu 3a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*3a. F' każ ta' tkeċċija b'effett immedjat, il-kumpanija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura servizzi ta' konsulenza psiko-soċjali lill-impjegat imkeċċi kif ukoll lill-kollegi tiegħu.*

Or. fr

**Emenda 302**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 9**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6 u 7 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni b'mod soċjalment responsabbli u l-imminimizzar ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.*

*imħassar*

**Emenda 303**  
**Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 9**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

**9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6 u 7 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni b'mod soċjalment responsabbli u l-imminimizzar ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.**

*Emenda*

**9. Għandhom jiġu rispettati l-ftehimiet milħuqa bejn kumpaniji u r-rappreżentanti tal-impjegati sabiex jiġu ġestiti b'mod soċjalment responsabbli u jiġu mnaqqs kemm jista' jkun l-ispejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.**

**Emenda 304**  
**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 9**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

**9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6 u 7 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni b'mod soċjalment responsabbli u l-imminimizzar ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.**

*Emenda*

**9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6, 7 u 8 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni b'mod soċjalment responsabbli u t-tnaqqis kemm jista' jkun ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.**

**Emenda 305**  
**Thomas Händel**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 9**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6 u 7 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni ***b'mod*** soċjalment responsabbli u *l-imminimizzar* ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni.

*Emenda*

9. Id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet 6 u 7 m'għandhomx japplikaw għal kumpaniji u impjegati koperti minn ftehim konkluż fil-livell rilevanti u mal-partijiet rilevanti dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi għat-tħejjija, il-ġestjoni soċjalment responsabbli u *t-tnaqqis kemm jista' jkun* ta' spejjeż soċjali interni tal-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni, ***jekk dan il-ftehim jinkludi Regolamenti aħjar minn dawk previsti f'din id-Direttiva.***

Or. de

**Emenda 306**  
**Jelko Kacin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 9a (ġdida)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

***9a. Il-kumpaniji u r-rappreżentanti tagħhom għandhom, fejn ikun xieraq, jinnegozjaw ftehimiet kollettivi sabiex ikopru kwistjonijiet li jirriżultaw mir-ristrutturazzjoni proposta.***

Or. en

**Emenda 307**  
**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f'isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 10 Titolu**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

Minimizzar tal-impatti ekonomiċi u **soċjali** esterni

*Emenda*

Minimizzar tal-impatti ekonomiċi, **soċjali** u **ambjentali** esterni

Or. en

**Emenda 308  
Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni **jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet ta' impjegar mill-ġdid tal-impjegati li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew, biex tithēgġeg ir-rikonverżjoni ekonomika u soċjali u jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħlqu l-impjiegi.**

*Emenda*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni **tkun qiegħda tiġi kkunsidrata l-kumpanija għandha tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-impjegati tagħha u r-rappreżentanti tagħhom, u mal-awtoritajiet pubbliċi fejn ikun xieraq, sabiex tiddiskuti modi kif jistgħu jiġu massimizzati l-opportunitajiet tal-impjieg mill-ġdid ta' dawk li jistgħu jitkeċċew.**

Or. en

**Emenda 309  
Veronica Lope Fontagné**

**Proposta għal rakkomandazzjoni  
Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni **jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji**

*Emenda*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni **jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji**

għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *ta' impjegar* mill-ġdid tal-impjegati **li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew**, biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika u soċjali u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu l-impjiegi.

għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *tal-impjieg* mill-ġdid tal-impjegati biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika u soċjali u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu l-impjiegi.

Or. es

### **Emenda 310**

**Marije Cornelissen, Karima Delli**  
f' isem il-Grupp tal-Ħodor /ALE

#### **Proposta għal rakkomandazzjoni Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1**

##### *Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *ta' impjegar* mill-ġdid tal-impjegati li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew, biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika u **soċjali** u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu ***l-impjiegi***.

##### *Emenda*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *tal-impjieg* mill-ġdid tal-impjegati li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew, biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika, **soċjali** u **ambjentali** u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ***sostenibbli*** ġodda li joħolqu ***impjiegi ta' kwalità b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent***.

Or. en

### **Emenda 311**

**Frédéric Daerden**

#### **Proposta għal rakkomandazzjoni Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1**



*Proposta għal rakkomandazzjoni*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *ta' impjegar* mill-ġdid tal-impjegati li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew, biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika u soċjali u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu l-impjiegi.

*Emenda*

1. Meta operazzjoni ta' ristrutturazzjoni jkollha effetti lokali kbar, il-kumpaniji għandhom ifittxu li jiżviluppaw kumplimentaritajiet u sinerġiji bejn l-azzjoni preparatorja u l-azzjonijiet tal-atturi l-oħra kollha biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet *tal-impjieg* mill-ġdid tal-impjegati li jitkeċċew jew li jistgħu jitkeċċew, biex titħeġġeġ ir-rikonverżjoni ekonomika u soċjali u jiġu żviluppatti attivitajiet ekonomiċi ġodda li joħolqu l-impjiegi, ***b'mod partikolari permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet bejn kumpaniji fl-istess settur ta' attività jew ġeografiku sabiex bħala prijorità jiġu impjegati mill-ġdid l-impjegati li tkeċċew minn kumpanija minnhom bħala parti minn operazzjoni ta' ristrutturazzjoni.***

Or. fr

**Emenda 312**  
**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

***1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kumpaniji għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet reġjonali jew lokali u lill-atturi rilevanti l-oħra dwar il-miżuri li jkun qegħdin jitħejjew skont ir-rakkomandazzjoni 8. Huma għandhom jipparteċipaw fi u/jew jikkontribwixxu għal kwalunkwe task-force jew netwerk stabbiliti fuq livell reġjonali jew settorjali sabiex jiġi mnaqqas kemm jista' jkun l-impatt tal-operazzjoni.***

Or. en

**Emenda 313**  
**Alejandro Cercas**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 1b (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***1b. Sakemm jintwera li dan ikun meħtieġ u konformi mar-rekwiżiti nazzjonali jew reġjonali, il-kumpaniji għandhom ifasslu u jimplimentaw pjanijiet bl-għan li jiġu riabilitati u/jew riallokati siti industrijali li probabbilment ikunu se jiġu abbandunati, bħala miżura ambjentali, bħala mezz sabiex jiġu attirati attivitajiet ġodda u mod kif jiġi assorbit proporzjon mill-impjegji li jkunu se jintilfu.***

Or. en

**Emenda 314**  
**Jelko Kacin, Marian Harkin, Nadja Hirsch**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 2**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

***2. Il-miżuri msemmija fir-Rakkomandazzjoni 7 għandhom ikopru kemm jista' jkun l-impjegati tal-kumpaniji li huma dipendenti, b'mod partikolari bħala riżultat ta' subkuntrattazzjoni jew ta' kuntratti ta' provvista u oħrajn. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom fi kwalunkwe każ għandhom jiġu infurmati dwar dawk il-miżuri sakemm din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan dawk il-kumpaniji.***

***2. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom għandhom jinżammu infurmati bis-sħiħ dwar ir-ristrutturazzjoni sakemm din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan dawk il-kumpaniji.***

Or. en

## Emenda 315

Veronica Lope Fontagné

### Proposta għal rakkomandazzjoni Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 2

#### *Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Il-miżuri msemija fir-Rakkomandazzjoni 7 ***għandhom ikopru kemm jista' jkun*** l-impjegati tal-kumpaniji li huma dipendenti, ***b'mod partikolari bħala riżultat ta' subkuntrattazzjoni jew ta' kuntratti ta' provvista u oħrajn***. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom ***fi kwalunkwe każ*** għandhom jiġu infurmati ***dwar dawk il-miżuri sakemm*** din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan dawk il-kumpaniji.

#### *Emenda*

2. Il-miżuri msemija fir-Rakkomandazzjoni 7 ***jistgħu jkopru ħafna*** l-impjegati tal-kumpaniji li huma dipendenti. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom għandhom jiġu infurmati ***jekk*** din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan dawk il-kumpaniji.

Or. es

## Emenda 316

Alejandro Cercas

### Proposta għal rakkomandazzjoni Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 2

#### *Proposta għal rakkomandazzjoni*

2. Il-miżuri msemija fir-Rakkomandazzjoni 7 għandhom ikopru kemm jista' jkun l-impjegati tal-kumpaniji li huma dipendenti, b'mod partikolari bħala riżultat ta' *subkuntrattazzjoni* jew ta' kuntratti ta' provvista u oħrajn. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom ***fi kwalunkwe każ*** għandhom jiġu infurmati ***dwar dawk il-miżuri sakemm*** din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan

#### *Emenda*

2. Il-miżuri msemija fir-Rakkomandazzjoni 8 għandhom ikopru kemm jista' jkun l-impjegati tal-kumpaniji li huma dipendenti, b'mod partikolari bħala riżultat ta' *sottokuntrattar* jew ta' kuntratti ta' provvista u oħrajn. Il-kumpaniji dipendenti u l-ħaddiema tagħhom ***fi kwalunkwe każ*** għandhom jiġu infurmati ***dwar dawk il-miżuri sakemm*** din l-informazzjoni tkun meħtieġa għall-adattament tagħhom stess u għall-ġestjoni tal-proċess ta' ristrutturazzjoni fi ħdan

dawk il-kumpaniji.

dawk il-kumpaniji.

Or. en

**Emenda 317**  
**Frédéric Daerden, Pervenche Berès**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 2a (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*2a. Meta jkun inevitabbli li l-kumpanija tiegħi topira u sakemm l-attività ekonomika tagħha tista' terġa' tkun vijabbli, huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati t-tipi kollha ta' trasferimenti fil-kumpanija, inklużi t-trasferimenti tal-kumpaniji lill-impjegati f'forma ta' kooperattiva. Jeħtieġ li jiġi evitat l-għeluq ta' attivitajiet ekonomikament vijabbli u li dawn jiġu magħmla aktar sostenibbli. Trasferimenti ta' suċċess u sostenibbli tal-kumpaniji jsalvaw l-impjegati u l-ħiliet lokali, iżommu l-ġid lokali, speċjalment tul il-katina tal-produzzjoni kemm fin-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel u fl-attività ekonomika lokali li l-impjegati tagħha qed jiġu kompromessi meta l-kumpaniji jagħlqu l-bibien tagħhom.*

Or. fr

**Emenda 318**  
**Frédéric Daerden**

**Proposta għal rakkomandazzjoni**  
**Rakkomandazzjoni 10, paragrafu 2b (ġdid)**

*Proposta għal rakkomandazzjoni*

*Emenda*

*2b. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mekkaniżmu li awtomatikament jindika l-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni li*

*jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti  
ta' sostenn finanzjarju mill-Fond  
Ewropew ta' Aġġustament għall-  
Globalizzazzjoni u jippreżentaw  
applikazzjoni lill-Kummissjoni għal kull  
waħda minn dawn l-operazzjonijiet  
indikati.*

Or. fr